# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 28**

**Rikors numru 1007/07 AF**

**Francesco sive Franco u Tracy konjuġi Xuereb**

**v.**

**Victor Fenech armel**

**<u>Preliminari:</u>**

1. Dan huwa:

(i) **<u>appell prinċipali ad istanza tal-atturi</u>** Francesco u Tracy konjuġi Xuereb mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Ġunju 2014 li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-qorti <u>tirriforma</u> s-sentenza appellata fis-sens li:

- tikkonfermaha in kwantu ġie dikjarat li l-konvenut m'għamilx ix-xogħol skont is-sengħa u l-arti;

- tordna li jkun hemm reviżjoni tad-danni li għandhom jiġu likwidati (kemm attwali u konsegwenzjali), liema reviżjoni għandha tinkludi li jiġi stabbilit il-valur tax-xiri taċ-ċeramika mill-ġdid li l-produzzjoni tagħha m'għadux isir, kif ukoll it-tqegħid taċ-ċeramika skont l-inkarigu mogħti, u li f'dan ir-rigward l-atti għandhom jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti biex isir tali eżerċizzju.

- bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellati.

u

(ii) **appell inċidentali ad istanza tal-konvenut appellat** Victor Fenech mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Ġunju 2014 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tirriforma s-sentenza fis-sens li:

- tikkonfermaha in kwantu laqgħet it-talbiet tal-atturi li partijiet mix-xogħol tat-tqegħid tal-madum ma sarx skont l-arti u s-sengħa u kkundannatu jħallas €1,700, u

- tirrevokaha in kwantu laqgħet it-talba għall-ħlas ta' €1000, in

kwantu tali danni ma jissussistux stante li l-fond seta' jiġi użat, l-għamara tiġi mqegħda fil-fond, u

- f'każ li l-appell inċidentali ma jintlaqax, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qiegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-rikors ta' Francesco sive Franco u Tracy konjugi Xuereb li permezz tieghu, wara li gie premess illi:
>
> "L-esponenti huma proprjetarji tal-fond cum '**terraced house**' bin-numru 134, Triq Indri Grima, Swatar, Msida.
>
> "L-esponenti kienu inkarigaw lill-konvenut sabiex jaghmel xoghol ta' tqieghed ta' Ceramica tat-tip **Gres** fil-proprjetà hawn fuq indikata fid-dar kollha, inkluz it-tarag.
>
> "Ghalkemm l-konvenut kien obbligat li jaghmel x-xoghol skond is-sengha w l-arti, irrizulta w gie innutat li fil-fatt x-xoghol kien sar b'mod hazin u mhux professjonali kif mistenni skond is-sengha w l-arti u dan kif qed jigi ccertifikat skond il-'condition reports' hawn anness **Dok. 'A' u 'B'**.
>
> "Ghalkemm l-konvenut kien gie interpellat sabiex jaghmel ix-xoghol rimedjali, anki bonarjament, mhux biss baqa' inadempjenti, imma qed jipprova jitfa' t-tort fuq affarijiet ohra biex jipprova jeskolpa ruhu mir-responsabbilità: **Dok. 'C', 'D'**.
>
> "Di più, l-esponenti ivverifikaw li t-tiles mhux biss huma dawk patwiti, imma huma wkoll **tal-kwalita prima** kif ukoll iccertifikati *b'ISO Standards*: **Dok. 'E' u 'F'**.
>
> "Fil-fatt l-esponenti kienu hallsu l-ammont ta' *Lm1189.45* waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet meta suppost x-xoghol kellu jsir skond is-sengha w l-arti w mhux xoghol hazin kif irrizulta f'dan ir-rigward.

“Minhabba din l-inadempjenza, l-esponenti tilfu wkoll in vija ta’ **telf ta’ qliegh ta’ kirjiet** fuq il-fatt u garaxx stante li, kieku ma nqalatx din il-probelma, kienu se jdahhlu l-ammont ta’ mitejn u hamsin lira Maltin *(Lm250)* fix-xahar liema haga sfrattat minhabba din is-sitwazzjoni.

“Ntalbet din il-Qorti:

a. “**Tiddikjara** u **tiddeciedi** illi x-xogholijiet li ghamel il-konvenut ma kienux skond is-sengha u l-arti kif titlob il-ligi.

b. “**Tikkundanna** l-konvenut biex jaghmel ix-xogholijiet necessarji u rimedjali billi jaqla’ ic-ceramica tat-tip **Gres** li giet imqieghdha kollha u *ghas-spejjez tieghu* jixtri ceramica tal-istess tip biex jerga jsir mill-gdid, *okkorendo* taht *direzzjoni* u *supervizjoni* ta’ perit nominandi mqabbad minn dina l-Onroabbli Qorti ghas-spejjes tal-konvenut fiz-zmien prefiss u fin–nuqqas tawtorizza lill-istess l-esponenti jixtru ceramica ta’ l-istess kwalità u marka u jaghmlu xogholijiet necessarju huma stess ghas-spejjez tal-konvenut.

c. “**Tikkundanna** lill-konvenut *jirrifondi* lura l-ammont ta’ elf mija disa w tmenin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu *(Lm1189.45)* li hallsu lill-esponenti stante li x-xoghol sar verament hazin meta l-ammont li kellu jithallas kien ghax-xoghol professjonali.

d. “**Tikkundannah** ihallas u jaghmel tajjeb:-

1. “**Ghad-danni konsegwenzjali** minhabba l-agir xejn professjonali tal-konvenut, liema danni qed **taggrava ruhha** iktar ma jghaddi z-zmien minhabba l-inadempjenza tieghu, partikolarment, imma mhux esklussivament, *z-zieda fil-prezzijiet* sija biex *isir ix-xoghol* kif ukoll *it-tqeghid* u ghall-ghamara u kcina li gew ordnati u l-granit li gie ordnat u sar depozitu fuqhom u ma jistghux jitqieghdu u/jew isiru;

2. “**Ghall-hlasijiet professjonali li saru mill-esponent biex jikkonfermaw il-posizzjoni tieghu liema hlasijiet saru minhabba l-agir tal-konvenut.**

e. “**Tikkundannah** ihallas il-kirjiet li tilfu l-esponenti minhabba din l-inadempjenza da parti tal-konvenut fuq l-appartament u zewg (2) garaxxijiet f’kaz li l-fond inkwistjoni kien tlesta.

“**Bl-ispejjez kollha inkorsi kif ukoll tal-ittri bonarji datati 31 ta’ Mejju, 2007 u 10 ta’ Lulju, 2007 li hu ngunt ghas-subizzjoni.**

“Rat id-dokumenti annessi.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Victor Fenech li in forza taghha eccepixxa illi:

1. “Id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-appalt ghat-tqeghid tal-*gress* f’134, Triq Indri Grima, Swatar, Msida, ma jeccedix l-Lm1,700 biex b’hekk din il-Qorti hija inkompetenti *ratione materie* u ghalhekk l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Tant dan huwa minnu illi huwa fis-16 ta’ April 2007, ippretenda rifuzjoni ta’ Lm638.26, li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. VF1.

2. “Fil-mertu u bla pregudizzju ghal premess, ix-xogholijiet in kwistjoni saru skond is-sengha u l-arti u skond il-kwalità tac-ceramika wzata u dan kif gie certifikat mill-Perit Anthony Fenech Vella, skond certifikat minnu rilaxxat li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. VF2.

3. “Effettivament ic-ceramika provduta mir-rikorrent mhux ta’ prima kwalita u ghalhekk minnha nfisha, c-ceramika fit-truf taghha qatt ma hi unita u ghalhekk jidher it-tbewwieq fiha: biex b’hekk mhux ix-xoghol ta’ l-intimat ma sarx skond is-sengha u l-arti imma kienet in-natura tac-ceramika wzata.

4. “Ix-xoghol sar kif imiss, pero l-imperfezzjonijiet setghu jigu rrangati, ma kienx hemm ghalfejn jitwaqqfu x-xogholijiet kollha fil-fond in kwistjoni u ghalhekk kull dannu pretiz li minflok ma gie minimizzat mir-rikorrent kif kien obbligat jaghmel skond il-Ligi, gie aggravat bl-inadempjenzi ta’ l-istess rikorrenti.

5. “Kieku x-xoghol ma sarx kif imiss, ir-rikorrent ma kienx ihallas lill-intimat is-somma ta’ Lm1,189.45 imma kien iwaqqfu u mhux ma jhallasx lill-intimat il-bilanc ta’ Lm490.

6. “L-intimat m’huwiex responsabbli ghal hsarat konsegwenzjali pretizi mir-rikorrenti ghaliex l-esponenti la kkawza l-ebda hsarat u lanqas huwa responsabbli ghal hsarat lamentati mir-rikorrenti.

7. “Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dokumenti annessi.

“Semghet xhieda viva voce.

“Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-Arkitett Mario Cassar minn din il-Qorti nkarigat u minnu konfermata bil-gurament fit-18 ta’ Gunju 2009.

“Semghet lill-perit jixhed in eskussjoni.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat.

“Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu l-Qorti tiddikjara li xoghol ta’ tqeghid ta’ madum li ghamel l-intimat fuq inkarigu taghhom ma sarx sewwa. Jghidu li konsegwenza ta’ dan huma

qeghdin isofru danni u ghalhekk qeghdin jitolbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas danni. L-intimati, jilqa' ghall-kawza l-ewwelnett billi jghid li l-kawza messa tressqet quddiem Qorti ohra ghaliex ma tirrigwardax valur gholi bizzejjed biex ikollha setgha din il-Qorti. Fil-mertu, jsostni li r-rikorrenti m'ghandhomx ragun ghaliex ix-xoghol sar sewwa u jekk hemm difetti dawn huma attribwibbli ghall-madum stess. Jirrizulta illi r-rikorrenti kienu nkarigaw lill-intimat biex iqieghed madum tac-cermaika f'terraced house proprjetà taghhom fl-Imsida. Waqt li kien ghaddej bix-xoghol tieghu, l-intimat kien jitlob hlasijiet akkont mat-tlestija tal-madum ta' kull sular, u kien jithallas. Meta tlesta x-xoghol kollu, ir-rikorrenti ndunaw b'xi difetti fl-art li huma attribwew ghal tqeghid hazin tal-madum.

"<u>Eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti</u>

"L-intimat jibda biex jeccepixxi l-inkompetenza ta' din il-Qorti. Ghalkemm isemmi l-kliem "*ratione materie*" din il-Qorti tifhem li effettivament kellhom jintuzaw il-kliem "*ratione valoris*". Il-Qorti tqis dan bhala biss lapsus ghaliex l-eccezzjoni hija tajjeb spjegata sabiex tiftiehem illi r-referenza hija ghall-valur tal-oggett tal-kawza. Madankollu din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda ghar-raguni illi huwa ben risaput li meta l-oggett tal-kawza ghandu valur incert li trid tistabilixxi u tillikwida din il-Qorti, il-kawza taqa' dejjem fil-kompetenza taghha wkoll meta finalment jigi stabbilit valur anqas mill-kompetenza tal-Qorti. Il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest is-sentenza Aquilina vs Gatt moghtija fid-29 ta' Marzu 1963.

"<u>Mertu</u>

"Ghar-rigward tax-xoghol ta' tqeghid tal-madum ir-rikorrenti ressqu bhala provi dokument allegatament redatt minn perit (fol. 4 – 5) in parte.

"Madankollu dan id-dokument qatt ma gie guramentat u ghalhekk il-persuna qatt ma setghet tigi prodotta biex tixhed in kontro-ezami. Ir-rikorrenti ressqu wkoll bhala parti mill-provi taghhom dokument imsejjah affidavit (fol. 37) allegatament redatt minn Karl Mifsud Cremona, importatur tac-ceramika mqeghda li ukoll, mhuwiex konfermat bil-gurament. Dan id-dokument isostni li c-ceramika kienet ta' prima kwalità.

"F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tistrieh fuq ir-rapport tal-perit tekniku Arkitett Mario Cassar minnha stess inkarigat li wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet ta' natura teknika:

> "*Illi x-xogholijiet tat-tqeghid tal-madum, mill-konvenut ma huwiex skond is-sengha u l-arti, u dan biss f'partijiet limitati tal-fond.*
>
> "*Illi anke jekk ghal forza ta' l-argument jigi accettat il-fatt illi l-madum fornit mill-attur huwa ta' prima kwalità, dan ghandu wkoll tolleranzi. It-tip tal-madum pprovdut lill-konvenut ghandu certa 'irregolaritajiet' li jaghmlu parti minn dawn it-tolleranzi. Il-wicc tal-maduma ma hix*

> *'levicata' (grinded), izda mohmija f'temperatura gholja. Dawn 'l-imperfezzjonijiet', jimmanifestaw lilhom infushom f'certa 'irregolaritajiet' ta' kontinwità u regolarità perfetta wara illi l-madum ikun tqieghed."*

"Fit-twegibiet li ta meta xehed in esklussjoni, il-perit ma bidel xejn minn dawn il-kostatazzjonijiet tieghu. Anzi jikkonferma illi:

> "*Fil-konkluzjonijiet tieghu l-esponent ikkonstata illi l-konvenut ma ghamilx xoghol perfett u dan principalment minhabba nuqqas ta' attenzjoni u minhabba illi l-kwalità tal-madum."*

"Anzi, ukoll in eskussjoni jzid hekk meta mistoqsi dwar il-qlib tal-ilma fil-garage:

> "*Fil-fehma tal-esponent dan huwa kaz ta' fissazzjoni minn naha tal-attur, ghaliex il-fatt meta l-esponent rega rrefera ghar-ritratti mehuda waqt l-access ikkonferma illi grosso modo l-madum kien mqieghed skond is-sengha u l-arti, u dan meta l-istess esponent iccekkja t-tqeghid b'rigla u invell fuqha."*

"Huwa ben risaput illi fi hwejjeg ta' natura purament teknika, il-Qorti, ghalkemm mhux marbuta bir-rizultanzi tal-istess, m'ghandhiex tiskartha jekk mhux ghaliex nkunu ngabu lilha ragunijiet gravi. F'dan il-kaz ma gara xejn minn dan, anzi lanqas intalbet il-hatra ta' periti addizzjonali. (ara Bugeja vs Muscat – Appell 23.6.1967).

<u>"Danni</u>

"Il-perit Cassar fir-relazzjoni tieghu jasal ghall-konkluzjoni li x-xoghol sabiex jigu rrangati l-izbalji fit-tqeghid, m'ghandux jammonta ghal aktar minn €1700. Ir-rikorrenti fil-prospett minnu pprezentat jippretendi aktar minn €27,000. Huwa jinkludi fil-prospett il-bidla tal-madum tad-dar kollha. Qed jippretendi li jithallas ukoll ta' depoziti fuq ghamara li ma gietx imqeghda fil-fond minhabba l-problema tal-madum. Inoltre qieghed jippretendi wkoll ir-rifuzjoni tal-ammont ta' kera li kien jippercepixxi kieku ttrasloka mill-appartament li qieghed jghix fih ghad-dar il-gdida.

"In vista ta' dan, il-Qorti tirreferi l-ewwelnett ghal dak li xehed il-perit Cassar in eskussjoni:

> "*L-esponent qatt ma rrelata illi l-madum ghandu jinbidel kollu, izda dan ghandu jsir f'arja ristretti hafna."*

> "*Hija n-norma illi xerrej ghandu jakkwista madum extra (nghidu ahna 3-5%) biex jaghmel tajjeb ghal xi ksur, jew tiswija."*

"Huwa jghid ukoll:

> "*Ikkalkulajt €1500 meta kkunsidrajt illi jinbidlu dawk il-partijiet fejn m'hemmx tqeghid tajjeb imma dejjem jigi utilizzat il-post kollu. Jiena ma nafx ghalfejn mhux qed jigi utilizzat il-post." (fol. 191)*

> "F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti qeghda tillikwida "*arbitrio boni viri*" d-danni fl-ammont ta' €1000, li ghandhom jithallsu lir-rikorrenti flimkien mal-ispejez tat-tiswijiet.
>
> "Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat fis-sens kif intqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti limitatament billi tiddikjara illi partijiet mix-xoghol ta' tqeghid ta' madum fil-fond 134, Triq Indri Grima, Swatar, ma sarx skond is-sengha u l-arti. Konsegwentement Victor Fenech ghandu jhallas lil Francesco u Tracy konjugi Xuereb is-somma ta' €1700 rapprezentanti spejjez ta' xoghol korrettorju flimkien ma €1000 danni, komplessivament €2700.
>
> "Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha".

**<u>Rikors tal-appell atturi appellanti</u> (08.07.2014):**

3. L-atturi ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-ilmenti tagħhom in suċċint huma s-segwenti:

- Għalkemm l-ewwel Qorti irriżultalha li kellhom raġun fit-talbiet tagħhom, kienet <u>wisq ġeneruża lejn il-konvenut</u>, mhux biss għal dak li jirrigward danni attwali iżda wkoll danni konsegwenzjali. <u>Hemm bżonn li jsir "*re-assessment*" tas-sitwazzjoni.</u>

- Ir-rapport tal-perit tekniku *"left much to be desired*", huwa <u>kontradittorju</u> u mir-risposti tiegħu għad-domandi in eskussjoni jirriżulta li qed jilgħab bil-kunċetti in kwantu għalkemm qal li l-punt kruċjali huwa t-"<u>tqegħid</u>" tal-madum, huwa ppronunċja ruħu wkoll fuq il-"<u>kwalita`</u>" tal-madum, meta qal li x-xogħol ma kienx perfett "*prinċipalment minħabba*

*nuqqas ta' attenzjoni u minħabba illi* (sic) *l-kwalita` tal-madum*".

- Inoltre l-perit tekniku kkonkluda li ċ-ċeramika ma kinitx ta' *prima kwalita* abbażi tal-esperjenza u mhux għaliex għamel testijiet xjentifiċi. Il-fabbrika produttriċi indikat li l-mod kif wieħed jivverifika l-"*planarity*" tal-madum mhux billi wieħed ipoġġihom waħda mal-oħra: "*….the way to check the planarity of the tiles is not to put the surfaces one against the other. This is completely incorrect. There are special tools that measure the tiles that can check this*".

- Kuntrarjament għal dak li jgħid il-perit, il-madum kien ta' *prima kwalita`*, tant li kien iċċertifikat b'ISO standard. Mhux minnu dak li qal il-perit, li l-ISO ma jiggarantixxix kwalita` iżda *traceability* tal-manifattura.

- Fl-aċċess il-perit ġie muri li kien hemm ħafna bnadi fejn kien hemm "*benniena*" fit-tqegħid taċ-ċeramika, u għalkemm ħa ħafna ritratti, ħallihom bara.

- Biex tinqala' ċ-ċeramika, il-probabbilta` hija li se tinkiser, u l-"*extra tiles*" li għandhom m'humiex biżżejjed.

- Fl-aċċess inġieb a konjizzjoni tal-perit il-fatt li fl-ewwel sular il-konvenut tefa' 6 pulzieri torba bir-riżultat li l-ewwel tarġa spiċċat b'għoli

ta' 2 pulzieri, u mhux uniformi mal-kumplament tat-taraġ, u anke l-bibien ġew affettwati. Dan huwa rilevanti għax isaħħaħ l-aspett li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa, fatt li l-perit injora għal kollox.

- Ġie esebit prospett tad-danni[1] kif mitlub mill-ewwel Qorti, liema prospett ma ġiex ikkontestat mill-konvenut. Ġew ukoll esebiti dokumenti[2], iżda l-ewwel Qorti ma tathomx piż.

- Is-sitwazzjoni spiċċat aggravat ruħha għaliex fil-waqt li l-ewwel Qorti tathom raġun, kienet għal kollox fqira fil-likwidazzjoni tad-danni.

- Biex jiġi indikat li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, din timmerita li tiġi rikonsidrata għal kollox.

**Risposta tal-konvenut Victor Fenech għall-appell prinċipali tal-atturi u Appell Inċidentali tal-istess Victor Fenech (15.07.2014):**

4. Il-konvenut wieġeb biex jgħid li ma jidhirlux li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija ġusta la in kwantu sabitu responsabbi għall-ħsarat attwali (likwidati fl-ammont ta' €1,700) u lanqas in kwantu sabitu responsabbli għall-ħsarat konsegwenzjali (likwidati fl-ammont ta' €1,000). Spjega li madanakollu kien lest li joqgħod għall-ġudizzju tal-ewwel Qorti a skans

[1] fol 156-157
[2] fol 149-155 (fl-ammont ta' €27,098.46).

ta' spejjeż, iżda ġialadarba l-atturi għażlu li jappellaw, <u>huwa qed jinterponi appell inċidentali fir-rigward tal-ħsarat konsegwenzjali biss.</u>

5. Dwar l-ilmenti tal-atturi fil-konfront tar-rapport tal-perit tekniku jikkummenta illi jekk ħassew li kien inġust setgħu talbu n-nomina ta' periti perizjuri, iżda dan m'għamluhx.

6. Dwar il-likwidazzjoni tad-danni li għamlet l-ewwel Qorti jgħid li kienet korretta meta fir-rigward tal-<u>ħsarat attwali</u> waslet għall-ammont ta' €1,700 (minkejja li l-perit tekniku ikkonstata li l-ħsarat ma jeċċedux l-€1,500), iżda ma kinitx korretta meta fir-rigward tal-<u>ħsarat konsegwenzjali</u> waslet għall-ammont ta' €1,000 *arbitrio boni viri*. Jargumenta li l-perit tekniku ikkonkluda li l-fond seta' jintuża u għalhekk ma kien hemm l-ebda danni konsegwenzjali xi jiġu likwidati in linea ta' telf minħabba nuqqas ta' użu.

<u>**Risposta tal-atturi l-konjuġi Xuereb għall-appell inċidentali tal-konvenut (15.07.2014):**</u>

7. L-atturi Xuereb b'referenza għall-kumment tal-perit tekniku fejn qal *"jiena ma nafx għalfejn mhux qed jiġi utilizzat il-post*", jargumentaw illi li kieku għamlu hekk kienu jkunu qegħdin "ibierku" x-xogħol li sar mill-konvenut, liema xogħol ma kienx aċċettabbli. Iżidu jgħidu li d-danni li kienu qed isofru kien mill-fatt li kien hemm domanda biex l-appartament

tagħhom, fejn jirrisjedu, jinkera, liema ħaġa kellhom jirrifjutaw minħabba s-sitwazzjoni.

**Ir-Rapport tal-Perit Tekniku, u l-Eskussjoni Relattiva:**

8. L-azzjoni odjerna hija ppernjata fuq l-allegazzjoni li l-konvenut, li kien inkarigat mill-atturi biex jagħmel xogħol ta' tqegħid ta' ċeramika tat-tip "***Gres***" fid-dar tal-istess atturi, ma esegwixxiex tali xogħol skont is-sengħa u l-arti. L-ewwel Qorti innominat lill-perit tekniku Mario Cassar li aċċeda fuq il-post fl-14 ta' April 2009 fil-preżenza tal-kontendenti u d-difensuri tagħhom, u wara li spezzjona x-xogħol lamentat mill-atturi huwa ppreżenta r-rapport[3] relattiv tiegħu, liema rapport jinkludi diversi ritratti.

9. Huwa għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

- Il-madum użat (*gres porcellanato*) huwa moħmi f'forn industrijali b'temperaturi għoljin u mhux *"grinded*".

- Il-madum użat għandu x-xfar kemmxejn għat-tond.

- Il-madum użat fil-pjan terran, fl-ewwel sular u fil-livell tal-bejt, meta mpoġġi waħda fuq l-oħra jesebixxu irregolarita` fis-sens li ma jagħmlux kuntatt perfett fl-arja superfiċjali kollha tagħhom, speċifikament fit-truf.

[3] Rapport tal-perit tekniku, fol 138 et seq

- Minn dak li kkonstata waqt l-aċċess u miż-żewġ madumiet li ssupplixxa l-attur, huwa jiddubita jekk il-madum hux ta' "*prima kwalita*". Fi kwalunkwe każ, f'kull madum ta' dan it-tip hemm tolleranzi ta' qisien, saħħa kumpressiva, saħħa tenzjonali u "irregolaritajiet" oħra.

- Huwa spezzjona l-madum b'riga ta' "*hollow section*" tal-aluminium, twila 2 metri, u b'invell.

- Huwa kkonstata li kien hemm diversi bnadi fejn jinħassu "xofof" bejn il-madum, u li ċertu fili bejn il-madum ma kinux tal-istess daqs.

10. Wara li għamel l-imsemmija osservazzjonijiet wasal għas-segwenti <u>konklużjonijiet</u>:

- Waqt it-tqegħid tal-madum l-attur kellu kull fakulta` li jitlob parir mingħand il-perit tiegħu.

- Huwa biss f'partijiet limitati tal-fond li l-madum imqiegħed mill-konvenut mhux skont is-sengħa u l-arti.

- Anke jekk jitqies li l-madum kien ta' "*prima kwalita`*", hemm tolleranzi, u l-madum in kwistjoni huwa tat-tip li għandu irregolaritajiet li

jagħmlu parti minn tali tolleranzi. Il-wiċċ mhix *“grinded”* iżda moħmija f’temperatura għolja. “*Dawn l-imperfezzjonijiet jimmanifestaw lilhom infushom f’ċerta irregolaritajiet ta’ kontinwita` u regolarita` perfetta wara illi l-madum ikun tqiegħed.”*

- Ix-xogħol jista’ jiġi rranġat billi jinqala’ dak il-madum li seta’ jitqiegħed aħjar u jerġa’ jitqiegħed mill-ġdid. “*Dan ix-xogħol għandu jammonta għal cirka **€1,500** u mhux aktar*.”

11. Fix-xhieda tiegħu in eskussjoni[4] spjega li huwa esegwixxa l-inkarigu tiegħu bl-esperjenza tiegħu ta’ perit, u li uża r-rigla fuq il-madum indikat mill-attur. Qal li jista’ jkun li anke uża l-*laser* mar-rigla. “*Għandi ngħid li jiena kkonstatajt illi kien hemm irregolaritajiet kemm fil-madum kif ukoll xogħol*.” Mistoqsi jekk għamilx testjiet xjentifiċi fuq il-kwalita`, fakkar li l-madum kien diġa mqiegħed u għalhekk għamel il-kostatazzjonijiet fuq dak li ra u abbażi tal-esperjenza tiegħu ta’ perit. Qal ukoll li l-attur kien ipprovdielu żewġ kampjuni tal-madum u seta’ jagħmilhom ma’ xulxin u jara jiġux eżatt ma’ xulxin. Mill-esperjenza tiegħu qal li l-madum mhux ta’ “*prima kwalita`*”. Qal li hemm partijiet mill-madum li għandhom ix-xfarijiet sporġuti ‘l barra. Mistoqsi dwar l-*ISO certification* spjega li dan jiddistingwi bejn kull stadju tal-proċess tal-produzzjoni biex jekk tmur x’ħaġa ħażina ikun jista’ jiġi identifikat f’liema stadju jkun sar id-difett.

[4] Xiehda tal-perit Mario Cassar tad-9 ta’ Frar 2011

Enfasizza li kif qal fir-rapport tiegħu, "*għalkemm kien hemm partijiet mill-art fejn il-madum ma tqegħidx skont is-sengħa u l-arti, hemm ħafna postijiet fejn id-difetti huma kkawżati minn madum difettuż*". Qal li wasal għall-ammont ta' **€1,500** meta kkonsidra li jinbidlu dawk il-partijiet fejn il-madum mhux imqiegħed tajjeb "*imma dejjem jiġi utilizzat il-post kollu. Jiena ma nafx għalfejn mhux qed jiġi utilizzat il-post kollu*".

12. Barra x-xhieda tiegħu in eskussjoni *viva voce* l-atturi ppreżentawlu diversi domandi bil-miktub, li huwa wieġeb għalihom bil-miktub ukoll[5]. In suċċint it-tweġibiet tiegħu huma s-segwenti:

- Il-konklużjonijiet tiegħu kienu bbażati fuq l-esperjenza tiegħu u fuq normi oħra kif indikati mid-difensur tal-attur (fosthom l-element ta' "*tolerances*" li jinkludu "*planarity",* "*size*" u "*squareness*" tal-madum.)

F'kull manifattura ta' elementi simili hemm serje ta' testijiet li bihom wieħed jikkonstata jekk l-istess element ġiex manifatturat skont standards stipulati fin-normi relattivi, liema normi jikkwalifikaw il-prodott jew le. F'dan il-każ il-kawża kienet dwar l-allegat tqegħid ħażin tal-madum – irid jiġi apprezzat mhux biss it-tqegħid iżda wkoll il-kwalita` tal-madum u l-fattur taż-żmien li fih l-attur kellu kull ċans jissospendi x-xogħolijiet tat-tqegħid.

[5] Risposti tal-perit tekniku ippreżentati fis-26 ta' Jannar 2012, fol 227 et seq

- Il-kwalita` tal-madum hi li hi u t-tqegħid kien ser jiġi influwenzat minn dan il-fatt.

- Jekk għall-argument jitqies li l-madum kien ta' kwalita` prima, xorta ma kienx perfett mil-lat ta' "*planarity*", qies, u "*squareness",* u dawn jinfluwenzaw sa ċertu punt it-tqegħid tal-istess.

- Minħabba t-tip ta' madum u t-tolleranzi involuti t-tqegħid qatt ma hu ser jirriżulta perfett.

- Anke kieku wieħed iqis li l-madum kien ta' "prima kwalita`" ma kienx kompitu tiegħu li jagħmel testijiet fil-laboratorju dwar il-kwalita` u standard tal-madum, meta l-attribwiti tekniċi tal-madum kienu tali li ma jippermettux lit-tile layer iqiegħed il-madum b'mod "teoretiku" kif ippretenda l-attur.

- Meta wieħed jikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha, it-tqegħid tal-madum kien ta' kwalita` tajba.

- Huwa kkonstata li t-tqegħid ma kienx perfett prinċipalment minħabba "*nuqqas ta' attenzjoni u minħabba illi (sic) l-kwalita` tal-madum*".

- L-ISO ma jiggarantixxix il-kwalita` iżda t-"*traceability*" tal-proċeduri

li intużaw fil-manifattura tal-prodott.

- Meta ddikjara dak li ddikjara fir-rapport tiegħu, kien jaf eżattament għal xiex kien qed jirreferi u kien konxju tas-sistemi u tal-proċedura użati waqt iċ-ċertifikazzjoni tal-ISO 2009.

- Jerġa' jirrepeti li c-certifikat tal-ISO ma jiggarantixxix il-kwalita` iżda t-"*traceability*" tal-manifattura.

- Ma kienx kompitu tiegħu li jagħmel kuntatt mal-fabbrika fejn ġie manifatturat il-madum sabiex jingħata informazzjoni mingħandha.

- Huwa kkummenta biss dwar il-lat ġeometriku tal-madum, liema lat kien in parti kaġun tad-"difett" fit-tqegħid li dwaru saret il-kawża.

- Huwa ma ħax xhieda bil-ġurament waqt l-aċċess. Kien ikun għaqli kieku l-attur staqsa l-opinjoni ta' terzi fix-xahrejn li kien qed jitqiegħed il-madum: hekk seta' jieħu passi fir-rigward tat-tqegħid ferm qabel.

- Dan huwa każ ta' "*fissazzjoni*" min-naħa tal-attur, għaliex meta huwa (il-perit) reġa' irrefera għar-ritratti li ħa waqt l-aċċess, ikkonferma illi "*grosso modo*" il-madum kien imqiegħed skont is-sengħa u l-arti, u dan meta huwa ċċekkja t-tqegħid bir-rigla u invell fuqha.

- Jikkonferma li s-somma ta' €1,700 hija adegwata.

- Il-madum għandu jinbidel biss f'postijiet ristretti ħafna.

- Hija n-norma li x-xerrej għandu jkollu madwar 3%-5% tal-madum extra biex jagħmel tajjeb għal xi ksur jew tiswijiet.

- Il-madum li għandu jinbidel huwa "minimu".

**<u>Konsiderazzjonijet ta' din il-Qorti:</u>**

13. L-ewwel Qorti osservat li skont il-prospett tad-danni ppreżentat mill-atturi, huma qegħdin jippretendu aktar minn €27,000. Osservat li l-prospett jinkludi l-bdil tal-madum kollu tad-dar, ħlas tad-depożiti fuq għamara li ma tqegħditx fid-dar minħabba l-problema tal-madum u anke rifużjoni tal-kera li kienu jipperċepixxu kieku ttraslokaw mill-appartament residenza tagħhom għad-dar il-ġdida li fiha tqiegħed il-madum.

14. Hija pero` wara li qieset ir-rapport tal-perit fejn qal li x-xogħol ma sarx skont l-arti u s-sengħa f'postijiet "*ristretti ħafna*" u li l-ispejjeż għax-xogħol korrettorju ma kellux ikun iktar minn €1,500 (fir-risposta għad-domandi in esekuzzjoni qal l-ammont huwa €1,700) illikwidat id-danni

attwali fl-ammont ta' €1,700. Kwantu għad-danni konsegwenzjali, għalkemm il-perit tekniku ikkonkluda li ma kienx hemm raġuni għaliex ma setgħetx tiġi użata d-dar kollha (u allura skont hu jiġi li ma kienx hemm raġuni għaliex l-atturi ma setgħux jittraslokaw għad-dar u jikru l-appartament li preżentament jgħixu fih) l-ewwel Qorti għażlet li tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' €1,000.

15. L-atturi appellanti ħassew ruħhom aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti straħet fuq ir-rapport tal-perit tekniku, li skont huma huwa kontradittorju, *"left much to be desired"* u jimmerita li jiġi skartat. Jilmentaw li bil-fatt li l-ewwel Qorti ibbażat is-sentenza tagħha fuq tali rapport saret inġustizzja magħhom għaliex ir-rimedju mhux wieħed xieraq. Jippretendu li jsir "*re-assessment*" tas-sitwazzjoni u reviżjoni tad-danni u għalhekk jitolbu li din il-qorti tibgħat l-atti lura għal dan il-għan.

16. Fil-fehma ta' din il-qorti, jekk l-atturi dehrilhom li r-rapport tal-perit tekniku huwa tant ħażin u kontradittorju, kellhom ir-"rimedju" li jitolbu n-nomina ta' periti addizzjonali, iżda dan m'għamluhx. Wara li l-perit ippreżenta (bil-ġurament) ir-risposti tiegħu għad-domandi tal-atturi, il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni u sussegwentement ġiet differita għas-sentenza mingħajr oppożizzjoni da parti tal-atturi. Ma jistgħux issa, fl-istadju tal-appell, jippretendu li l-atti jintbagħtu lura biex isir "*re-assessment*" tas-sitwazzjoni u reviżjoni tad-danni.

17. Huwa risaput li l-qorti mhux marbuta mar-riżultanzi tekniċi, iżda sabiex tiskarta l-istess irid ikun hemm raġunijiet serji u allura l-istess konklużjonijiet tekniċi ma jistgħux jiġu skartati b'mod leġġer jew kappriċċożament. Sabiex isir dan il-konklużjoni tal-qorti trid tkun ben informata u bbażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li m'għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' aspett tekniku fil-materja in eżami[6]. Dan irid ikun tali li jikkonvinċi lill-qorti li r-relazzjoni teknika mhix ġusta u lanqas korretta u mibnija fuq konvinzjoni ben motivata minn ġudizzju ben informat anke mil-lat tekniku[7].

18. Din il-qorti ma tara xejn kontradittorju jew mankanti fir-rapport tal-perit tekniku Mario Cassar. Wara li huwa aċċeda fuq il-post huwa bażikament ikkonkluda li t-tqegħid tal-madum ma kienx "perfett": <u>in parti</u> għaliex il-madum fih innifsu kellu irregolaritajiet u <u>in parti</u> għaliex seta' tqiegħed aħjar mill-konvenut. Huwa ppreċiża li x-xogħol li seta' sar aħjar mill-konvenut kien biss <u>f'partijiet restritti</u> tad-dar u li l-ispejjeż biex tali xogħol jinqala' u jsir mill-ġdid ma kellhomx ikunu iktar minn €1,500, għalkemm fir-risposti għad-domandi in eskussjoni semma' l-figura ta' €1,700, liema figura ġiet addottata mill-ewwel Qorti.

---

[6] "Grima vs Mamo et noe" – Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998

[7] "Cauchi vs Mercieca" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "Saliba vs Farrugia" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 u "Calleja noe vs Mifsud" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001.

19. Din il-qorti, bħall-ewwel Qorti, mhix ser tidħol fil-kwistjonijiet ta' natura teknika li ġew imqanqla fl-eskussjoni tal-perit (bħal fir-rigward ta' jekk il-mod kif eżamina l-madum kienx korrett jew jekk dak li qal fuq l-ISO hux minnu) proprju għaliex huma kwistjonijiet ta' natura teknika u għaldaqstant din il-qorti mhix kwalifikata biex tqishom u tippronunċja ruħha fuqhom. Għalhekk, bħall-ewwel Qorti, sejra tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tal-perit tekniku, u bħala danni attwali hija wkoll qegħda toqgħod fuq l-figura ta' €1,700.

20. Kwantu għad-danni konsegwenzjali, ladarba l-madum li seta' tqiegħed aħjar mill-konvenut huwa "*minimu*", u f'postijiet "*ristretti*" tad-dar, ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex l-atturi ma setgħux jittraslokaw għad-dar fejn tqiegħed il-madum u jikru l-appartament fejn jgħixu preżentement. Fil-fatt il-perit tekniku enfasizza li d-dar fejn tiegħed il-madum setgħet tintuża kollha. L-atturi donnhom fehmu (erronjament) li jekk jagħmlu jekk kienu ser jippreġudikaw il-każ tagħhom, iżda din kienet biss deċiżjoni libera tagħhom u m'għandux iħallas tagħha l-konvenut. Fl-aħjar ipotesi għalihom, ix-xogħolijiet korrettorji f'dawk il-postijiet "*ristretti*" seta' ipprolonga t-traslokazzjoni mill-appartament fejn jabitaw għad-dar fejn tqiegħed il-madum b'xahar jew tnejn (u għalhekk kull ma setgħu tilfu hija l-kirja ta' xahar jew tnejn tal-appartament tagħhom). Għalhekk din il-qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti

inkwantu illikwidat *arbitrio boni viri* s-somma ta' €1,000 in linea ta' danni konsegwenzjali.

**Decide**

21. Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell prinċipali tal-atturi u tiċħad ukoll l-appell inċidentali tal-konvenut appellat. Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tal-appell relattiv tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb